MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 344/2011

A B
vs.
C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:
1. Illi l-kontendenti konjugi D ikkontrattaw iz-zwieg fis-26 ta’ Settembru tas-sena 1997 u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

2. Illi l-imsemmija konjugi D kienu infirdu minn xulxin b‘ sentenza mghotija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta‘ Novembru 2005 (Dokumnet LS1).

3. Fl-imsemmija sentenza ta‘ separazzjoni gie dikjarat u ordnat illi l-konjugi kontendenti kienu ddekadew mid-

drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minnghand xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta‘ sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appjell, m‘ huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.
Talbet illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl- Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjes

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa issottometta :

1. Illi, l-konvenut jaqbel mat-talbiet attrici u li l-istess attrici ikkonfermat bil-gurament fir-rikors taghha, u cioe` li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta’ artikolu 66 C tal-Kap 16, Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, l-unika eccezzjoni li l-konvenut ghandu x’jissoleva hija illi m’ghandux ibati l-ispejjez tal-attrici ta’ dawn l-odjerni proceduri;

3. Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-konvenut jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Novembru, 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tara illi l-kundizzjonijiet kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jinghata id-divorzju gew sodisfatti u dan peress illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mill-4 ta' Novembru 2005;

Il-Qorti rat illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u, permezz tas-sentenza tas-separazzjoni, gie ordnat u dikjarat illi il-konjugi kienu iddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Il-Qorti rat ukoll illi mill-provi prodotti irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzu bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------